

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
MAL-UNJONI EWROPEA
– SERBJA –**

**Brussell, 9 ta' Jannar 2014
(OR. en)**

AD 1/14

LIMITE

CONF-RS 1



DOKUMENT DWAR L-ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI ĠENERALI TAL-UE
Laqgħa Ministerjali li tiftaħ il-Konferenza Intergovernattiva dwar l-Adeżjoni tas-Serbja mal-Unjoni Ewropea (Brussell, 21 ta' Jannar 2014)

DIKJARAZZJONI INTRODUTTIVA MILL-UE GĦAN-NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI

1. F'isem l-Unjoni Ewropea, huwa b'ferħ kbir li nilqa' hawnhekk illum ir-rappreżentanti distinti tas-Serbja għall-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni ta' pajjiżkom mal-Unjoni Ewropea.
2. Dan huwa mument ta' importanza storika għalina lkoll. It-tkabbir jibqa' politika prinċipali tal-Unjoni Ewropea. Il-ftuħ tan-negozjati tal-adeżjoni mhux sempliċiment pass importanti fir-relazzjonijiet tas-Serbja mal-UE iżda huwa wkoll xhieda ċara tal-impenn kontinwu tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. Il-ftuħ tan-negozjati dwar l-adeżjoni jkompli juri wkoll li, meta l-kondizzjonijiet jiġu sodisfatti, l-UE twettaq l-impenji tagħha. Il-prospett tal-adeżjoni jmxexxi r-riformi politiċi u ekonomiċi, waqt li jittrasforma s-soċjetajiet, jikkonsolida l-istat tad-dritt u jgħall-opportunitajiet għodda għaċ-ċittadini u n-negozji f'dawk il-pajjiżi Ewropej li jridu jsiru parti mill-proġett ta' unjoni dejjem aktar magħquda. Dan isahha il-proċess ta' stabbiltà u rikonċiljazzjoni fir-reġjun, juri l-effett trasformattiv u stabilizzanti tal-proċess tat-tkabbir għall-benefiċċju kemm tal-UE kif ukoll tar-reġjun kollu.
3. Is-Serbja diġà hija sieħeb mill-qrib tal-Unjoni Ewropea bħala parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Ftehim Interim li jkopri l-kummerċ u l-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, li ġie ffirmat f'April 2008, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2010. Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni (FSA) reċentement daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2013. Preċedentement, il-Kummissjoni kellha djalogu intens mal-awtoritajiet tagħkom bil-għan li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għar-riforma u l-priorità ewlenija tagħha stabbilita fl-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2011 dwar l-applikazzjoni tas-Serbja għall-adeżjoni. Ittieħdu passi kuraġġużi sabiex jintlaħaq Ftehim Inizjali dwar il-prinċipji li jirregolaw in-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo* u minn dak inhar sar progress pożittiv fl-implimentazzjoni tal-elementi ewlenin tiegħu.

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Komplessivament, id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħna kienu intensi ħafna fl-aħħar snin. L-Unjoni Ewropea tinnotta li s-Serbja implimentat il-Ftehim Interim b'mod tajjeb u li kkontribwixxiet għall-funzjonament mingħajr xkiel tad-diversi istituzzjonijiet konġunti. Barra minn hekk, kif iddikjarat fl-ewwel Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tagħna, li sar fil-21 ta' Ottubru, id-dħul fis-seħħ tal-FSA indika stadju kwalitattiv ġdid fir-relazzjonijiet bilaterali. Il-FSA ser isaħħaħ ulterjorment il-benefiċċji pożittivi tal-Ftehim Interim li huma diġà viżibbli b'mod ċar speċjalment fil-qasam tal-kummerċ. Dan jimplika obbligi ġodda sinifikattivi u impenn għas-Serbja foqasma li jinkludu l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-moviment liberu tal-ħaddiema u d-dritt ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital u s-servizzi, li issa għadhom natura kuntrattwali.
5. Il-benefiċċji għaż-żewġ naħat tal-kwalità mtejbja tar-relazzjonijiet tagħna diġà qegħdin jinħassu. L-ivvjaġġar lejn l-UE, pereżempju, sar aktar faċli għaċ-ċittadini Serbi mindu daħlet fis-seħħ il-liberalizzazzjoni tal-viża fl-2009. L-UE tipprovdi wkoll assistenza finanzjarja lis-Serbja taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). Barra minn hekk, is-Serbja tipparteċipa f'diversi programmi tal-UE. Id-djalogu politiku u ekonomiku tagħna issa ser jiżviluppa aktar, partikolarment fil-korpi tal-FSA.
6. Kif kien innotat mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 u aktar reċenti fil-25 ta' Ġunju u fis-17 ta' Diċembru 2013, li ġew approvati mill-Kunsill Ewropew tas-27/28 ta' Ġunju u tad-19/20 ta' Diċembru 2013 rispettivament, is-Serbja kisbet il-livell ta' konformità meħtieġ mal-kriterji ta' sħubija, u partikolarment fil-prijorità ewlenija li tiegħu passi sabiex ittejjeb b'mod viżibbli u sostenibbli r-relazzjonijiet mal-Kosovo b'mod viżibbli u sostenibbli. Is-Serbja tissodisfa b'mod suffiċjenti l-kriterji u l-kondizzjonijiet ta' politika tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, u ħadet passi importanti sabiex tistabbilixxi ekonomija tas-suq li tiffunzjona. Is-Serbja għandha tkun f'pożizzjoni li tidħol għall-obbligi tas-sħubija fit-terminu medju fi kważi kull qasam tal-*acquis*.
7. It-tnedija tal-lum tan-negozjati tal-adeżjoni tirrapreżenta volta fl-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet tagħna. Il-pajjiż tagħkom huwa parti mill-istorja, il-wirt, il-valuri u l-kultura komuni Ewropea tagħna, u nistennew b'interess li nsaħħu r-rabtiet diġà mill-qrib tagħna.

8. In-negozjati tagħna huma bbażati fuq l-Artikolu 49 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u, għaldaqstant, jieħdu kont tal-konklużjonijiet kollha rilevanti tal-Kunsill, b'mod partikolari l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 1993 f'Kopenhagen u l-kunsens imġedded dwar it-tkabbir maqbul mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006. L-UE torbot importanza kbira mal-implimentazzjoni koerenti tal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir, li huwa bbażat fuq il-konsolidazzjoni tal-impenji, kondizzjonalità ġusta u rigoruża, komunikazzjoni aħjar, flimkien mal-kapaċità tal-UE, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, biex tintegra membri ġodda, b'kull pajjiż jiġi evalwat fuq il-merti proprji tiegħu. Politika ta' tkabbir kredibbli hija ċentrali għaż-żamma tal-momentum tar-riforma fil-pajjiżi kkonċernati u l-appoġġ pubbliku għat-tkabbir fl-Istati Membri. Il-Kunsill jibqa' impenjat bis-sod li jmexxi l-proċess ta' tkabbir 'il quddiem abbażi tal-prinċipji u l-konklużjonijiet maqbula.
9. Kif mitlub mill-Kunsill Ewropew tas-27/28 ta' Ġunju 2013, u kkonfermat mill-Kunsill Ewropew tad-19/20 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill, fis-17 ta' Diċembru 2013, adotta Qafas ta' Negożjar ġenerali, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2006 u l-prattika stabbilita. Dan jinkorpora l-approċċ il-ġdid propost mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kapitoli dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali, u l-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, kif ukoll il-kwistjoni tan-normalizzazzjoni bejn is-Serbja u l-Kosovo.
10. Il-Qafas ta' Negożjar, li llum qed nippreżentaw lilkom, jieħu kont tal-esperjenza miksuba minn tkabbir preċedenti u min-negozjati dwar l-adeżjoni li għaddejjin, kif ukoll l-*acquis* li qed jevolvi, u jirrifletti debitament il-merti proprji u l-karatteristiċi speċifiċi tas-Serbja. In-negozjati għandhom l-għan li s-Serbja tadotta b'mod integrali l-*acquis* tal-UE u tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar sħaħ tiegħu.

11. Il-Qafas ta' Negożjar jieħu wkoll kont partikolari tal-esperjenza miksuba fir-rigward tal-kapitoli ta' negożjar dwar il-ġudikatura u d-drittijiet fundamentali u tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà. Iż-żewġ kapitoli ser jiġu ttrattati kmieni fin-negożjati sabiex jitħalla l-akbar ammont ta' żmien għall-istabbiliment tal-leġislazzjoni neċessarja, l-istituzzjonijiet u rekords tajbin ta' implimentazzjoni qabel ma jingħalqu n-negożjati. Ir-rapporti ta' screening li għandhom jitħejjew mill-Kummissjoni għal dawn il-kapitoli ser jipprovdu gwida sostanzjali, inkluż dwar il-kompiti li għandhom jiġu indirizzati fil-pjanijiet ta' azzjoni li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet Serbi, li ser jikkostitwixxu l-punti ta' riferiment tal-ftuħ. Dawn il-pjanijiet ta' azzjoni li jistabbilixxu l-prijoritajiet tar-riforma tas-Serbja għandhom jiġu żviluppati permezz ta' proċess trasparenti ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha biex jiġi żgurat l-akbar appoġġ għall-implimentazzjoni tagħhom.
12. Il-Qafas ta' Negożjar jieħu wkoll kont tal-impenn kontinwu tas-Serbja u l-passi hija tiegħu sabiex ittejjeb b'mod viżibbli u sostenibbli r-relazzjonijiet mal-Kosovo b'mod viżibbli u sostenibbli. Dan il-proċess għandu jiżgura li t-tnejn li huma jkunu jistgħu jkomplu fit-triq rispettiva tagħhom lejn l-Ewropa, filwaqt li jevita li xi wiehied minnhom ikun jista' jwaqqaf lill-ieħor f'dawn l-isforzi u b'mod gradwali għandu jwassal għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, fil-forma ta' ftehim legalment vinkolanti sa tmien in-negożjati dwar l-adeżjoni tas-Serbja, bil-prospett li t-tnejn li huma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.
13. L-*acquis* jinkludi, *inter alia*, l-oġettivi u l-prinċipji li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni, kif jinsabu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Bħala Stat Membru futur, nistennu li taderixxu mal-valuri li hija mibnija fuqhom l-Unjoni. Barra minn dan, l-adeżjoni mal-UE timplika l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-korp intier tal-liġi tal-UE jew l-*acquis*, kif jinsab fil-mument tal-adeżjoni. L-iżvilupp ta' kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja suffiċjenti huwa ċentrali għall-issodifar tal-obbligi kollha li jirriżultaw mis-sħubija.

14. Kif imsemmi qabel, is-Serbja għandha tkun f'pożizzjoni li tidħol għall-obbligi tas-sħubija fit-terminu medju fi kważi kull qasam tal-*acquis*. Fit-triq lejn l-adeżjoni, is-Serbja teħtieġ li tkompli l-isforzi tagħha biex tallinja l-leġislazzjoni tagħha mal-*acquis* u biex tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' riformi ewlenin u tal-leġislazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-istat tad-dritt, inkluża r-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza tal-istituzzjonijiet prinċipali, u t-titjib ulterjuri tal-ambjent kummerċjali; għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-drittijiet u l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari r-Rom, kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni ta' minoritajiet, it-trattament nondiskriminatorju ta' minoritajiet nazzjonali fis-Serbja kollha, u t-trattament tad-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru.
15. Is-Serbja kienet affettwata wkoll mill-kriżi ekonomika u finanzjarja globali, li enfasizzat l-interdipendenza tal-ekonomiji nazzjonali kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE. F'dan ir-rigward, infakkru l-importanza li jissaħħa l-irkupru ekonomiku kif ukoll l-impenn tal-UE li tkompli tassisti lill-pajjiżi b'konsulenza politika u b'assistenza finanzjarja. Sforzi ulterjuri sabiex jitwettqu r-riforma strutturali, il-konsolidazzjoni fiskali u r-riformi relatati mal-UE, inkluż l-impenn favur l-Ewropa 2020, għandhom jaċċelleraw dan l-irkupru u t-tkabbir u jżidu l-kompetittività kif ukoll itejbu l-governanza ekonomika, u jgħinu fit-thejjja għall-proċeduri ġodda ta' sorveljanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja.
16. Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien għadhom partijiet essenżjali tal-proċess ta' tkabbir ukoll. Is-Serbja għandha tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv ukoll fil-kooperazzjoni reġjonali inklussiva u ssaħħa ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien. Barra minn hekk, ser jitkejjel il-progress fir-rigward tal-impenn tas-Serbja biex issolvi kwistjonijiet pendenti legati tal-passat, f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti, u f'konformità mal-prinċipju tas-soluzzjoni paċifika ta' tilwim f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż, jekk meħtieġ, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew mekkaniżmi ta' arbitraġġ.

17. Ippermettulna nfakkru wkoll li b'mod parallel għan-negozjati dwar l-adeżjoni, l-Unjoni ser tkompli d-djalogu tagħha tas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni kulturali mas-Serbja, bl-għan li tressaq lin-nies flimkien u li tiżgura l-appoġġ taċ-ċittadini għall-proċess tal-adeżjoni.
18. B'konklużjoni, fl-aħħar tal-proċess, huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk il-kondizzjonijiet ikunux tajbin biex jiġu konklużi n-negozjati, b'kont meħud tal-iżviluppi fl-*acquis* mid-data tal-ftuħ tan-negozjati, u kemm tkun lesta s-Serbja għas-sħubija. In-negozjati dwar l-adeżjoni li qed niftħu llum ser ikunu eżiġenti. B'determinazzjoni, għandha fiduċja fil-kapaċità tagħkom li taslu għal konklużjoni ta' suċċess. Aħna ser nappoġġawkom fl-isforzi tagħkom u nistennew bil-ħerqa li nilqgħukom bħala membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea.

QAFAS TA' NEGOZJAR

Prinċipji li jirregolaw in-negożjati

19. In-negożjati dwar l-adeżjoni ser ikunu bbażati fuq l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u, għaldaqstant, jieħdu kont tal-konklużjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari l-kunsens imġedded dwar it-tkabbir li ġie maqbul mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1993 f'Kopenhagen.
20. In-negożjati ser ikunu bbażati fuq il-meriti proprji tal-Montenegro u r-rata ta' progress ser tiddependi mill-progress tal-Montenegro fl-issodisfar tar-rekwiżiti għas-sħubija. Il-Presidentza jew il-Kummissjoni, skont ma jkun il-każ, ser iżomm lill-Kunsill kompletament infurmat sabiex dan ikun jista' jeżamina s-sitwazzjoni b'mod regolari. In-naħa tal-Unjoni, mill-parti tagħha, ser tiddeċiedi, meta xieraq, jekk il-kondizzjonijiet għall-konklużjoni tan-negożjati jkunu intlaħqu; dan ser isir abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni li jikkonferma li t-Turkija ssodisfat il-ħtiġiet elenkati f'punt 23. L-oġettiv kondiviż tan-negożjati huwa l-adeżjoni. Min-natura tagħhom stess, dawn in-negożjati huma proċess miftuħ, li l-eżitu tiegħu ma jistax jiġi garantit minn qabel.

Fil-qasam tal-PESK, ir-Rappreżentant Għoli huwa responsabbli, f'kollegament mill-qrib mal-Istati Membri, u l-Kummissjoni fejn adatt, għall-eżami analitiku, il-preżentazzjoni ta' proposti fin-negożjati u r-rappurtar regolari lill-Kunsill.
21. In-negożjati jinfetħu fuq il-bażi li l-Montenegro jirrispetta u huwa impenjat li jippromwovi l-valuri li fuqhom hija mibnija l-Unjoni, imsemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, jiġifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi.

In-negozjati huma miftuħin ukoll abbażi li l-Montenegro jkun kiseb livell għoli ta' konformità mal-kriterji tas-sħubija, b'mod partikolari l-kriterji politiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhagen fl-1993 u l-kondizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni stabbilita mill-Kunsill fl-1997. L-Unjoni tistenna li s-Serbja tkompli taħdem għal rispett sħiħ ta' dawn il-kriterji u kondizzjonijiet; u li tiżgura implimentazzjoni sħiħa tar-riformi u legislażzjoni ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward tar-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, l-indipendenza tal-istituzzjonijiet ewlenin, il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni, l-antidiskriminazzjoni u l-protezzjoni ta' minoranzi.

L-Unjoni u l-Montenegro ser ikompli bid-djalogu politiku intensiv tagħhom. Il-progress fil-kriterji kollha għall-isħubija ser ikompli jiġi sorveljat mill-qrib mill-Kummissjoni, li hija mistiedna tkompli tirrapporta b'mod regolari dwaru lill-Kunsill.

22. Fil-każ ta' ksur serju u persistenti mill-Montenegro tal-valuri li fuqhom l-Unjoni hija mibnija, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' terz mill-Istati Membri, tirrakkomanda s-sospensjoni tan-negozjati u tipproponi l-kondizzjonijiet biex eventwalment dawn jergġu jinbdew. Il-Kunsill ser jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar tali rakkomandazzjoni, wara li jkun sema' lill-Montenegro, jekk jissospendix in-negozjati u dwar il-kondizzjonijiet biex dawn jergġu jinbdew. L-Istati Membri ser jaġixxu fil-Konferenza Intergovernattiva skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit ġenerali għall-unanimità fil-Konferenza Intergovernattiva. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat.
23. L-avvanz tan-negozjati ser ikun iggwidat mill-progress tal-Montenegro fit-tnejn għall-adeżjoni, f'qafas ta' konverġenza ekonomika u soċjali. Dan il-progress ser jitkejjel b'mod partikolari skont ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - il-kriterji ta' Kopenhagen, li jistabbilixxu l-ħtiġiet għal sħubija li ġejjin:
 - l-istabbiltà ta' istituzzjonijiet li jiggwarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għal u l-protezzjoni ta' minoranzi;

- l-eżistenza ta' ekonomija tas-suq li taħdem u l-kapaċità li din tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq ġewwa l-Unjoni;
 - l-abbiltà li l-pajjiż jidħol għall-obbligi tas-sħubija, inkluża l-aderenza mal-għanijiet ta' unjoni politika, ekonomika u monetarja u l-kapaċità amministrattiva biex japplika u jimplimenta l-*acquis* b'mod effettiv.
- il-kondizzjonalità tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li tibqa' l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent sal-adeżjoni tagħhom, b'mod partikolari l-impenn tal-Montenegro għal relazzjonijiet tajbin bħala ġirien u l-kontribut qawwi mistenni mill-Montenegro għall-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali eqreb, skont l-Aġenda ta' Tessalonika għall-Balkani tal-Punent adottata f'Ġunju 2003 u b'kont meħud tal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill.
- L-impenn kontinwu tas-Serbja, f'konformità mal-kondizzjonalità tal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, sabiex ittejjeb b'mod viżibbli u sostenibbli r-relazzjonijiet mal-Kosovo^{*}. Dan il-proċess għandu jiżgura li t-tnejn li huma jkunu jistgħu jkomplu fit-triq rispettiva tagħhom lejn l-Ewropa, filwaqt li jevita li xi wieħed minnhom ikun jista' jwaqqaf lill-ieħor f'dawn l-isforzi u b'mod gradwali għandu jwassal għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, fil-forma ta' ftehim legalment vinkolanti sa tmiem in-negozjati dwar l-adeżjoni tas-Serbja, bil-prospett li t-tnejn li huma jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom.

B' mod speċifiku, is-Serbja hija mistennija li, kontinwament:

- a) Timplimenta, bona fide, il-ftehimiet kollha milħuqa fid-djalogu mal-Kosovo;
- b) tirrispetta b'mod sħiħ il-prinċipji tal-koperazzjoni reġjonali inklużiva;

* Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- c) Issolvi l-kwistjonijiet pendenti l-oħra permezz tad-djalogu u fi spirtu ta' kompromess, abbażi ta' soluzzjonijiet Prattiki u sostenibbli u tikkoopera mal-Kosovo fir-rigward tal-materji tekniċi u legali meħtieġa;
- d) Tikkoopera b'mod effettiv ma' EULEX u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-eżekuzzjoni sħiħa u bla xkiel minn EULEX tal-mandat tiegħu fil-Kosovo kollu.

Il-kwistjoni tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo ser tiġi trattata taħt il-Kapitolu 35: "Kwistjonijiet oħra" bħala punt speċifiku, li għandu jiġi trattat kmieni fil-proċess kollu ta' negozjati dwar l-adeżjoni u f'każijiet debitament iġġustifikati f'kapitoli rilevanti oħrajn kif stabbilit fil-paragrafu 38 hawn taħt.

- L-impenn tas-Serbja li tirriżolvi kwalunkwe disputa tal-fruntieri f'konformità mal-prinċipju ta' riżoluzzjoni paċifika tad-disputi skont il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż, jekk meħtieġ, il-ġurisdizzjoni obbligatorja tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew mekkaniżmi ta' arbitraġġ.
- It-tweqqif tal-obbligi tal-Montenegro skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni kif ukoll il-progress tal-Montenegro fl-indirizzar tal-oqsma ta' dgħufija identifikati fl-Opinjoni tal-Kummissjoni.

24. Għandu jiġi żgurat bilanċ ġenerali fil-progress ta' negozjati fil-kapitoli kollha. Minħabba r-rabta bejn il-kapitoli "Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali" u "Ġustizzja, libertà u sigurtà" u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif ukoll l-importanza tagħhom għall-implimentazzjoni tal-*acquis* fl-oqsma kollha, jekk il-progress f'dawn il-kapitoli jibqa' lura b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-progress fin-negozjati b'mod ġenerali, u wara li tkun eżawriet il-miżuri l-oħra kollha disponibbli, il-Kummissjoni, fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' terz tal-Istati Membri, ser tipproponi li jiġu rtirati r-rakkomandazzjonijiet tagħha biex jinfetħu u/jew jingħalqu kapitoli oħra ta' negozjar, u tiġi adattata l-*ħidma* ta' thejjiya assoċjata, kif adegwat, sakemm jiġi indirizzat dan l-iskwilibriju. Il-Kunsill ser jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata dwar tali proposta u dwar il-kondizzjonijiet għat-tneħħija tal-miżuri mittieħda. L-Istati Membri ser jaġixxu fil-Konferenza Intergovernattiva skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit ġenerali għall-unanimità fil-Konferenza Intergovernattiva.
25. Il-proċedura kif stabbilita fil-paragrafu 24 għandha tapplika *mutatis mutandis* fil-każ li l-progress fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, li hija trattata fil-Kapitolu 35, jaqa' lura b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-progress fin-negozjati globali, minħabba li s-Serbja tonqos milli taġixxi f'bona fide, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet milħuqa bejn is-Serbja u l-Kosovo.
26. Fil-perijodu sal-adeżjoni, il-Montenegro ser ikun meħtieġ jallinja b'mod progressiv il-linji politiċi tiegħu lejn pajjiżi terzi u l-pożizzjonijiet tiegħu fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali mal-linji politiċi u l-pożizzjonijiet adottati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
27. Il-Montenegro għandu jaċċetta r-riżultati ta' kull negozjati oħra dwar l-adeżjoni kif ikunu fil-mument tal-adeżjoni tiegħu.
28. It-tkabbir għandu jsaħħaħ il-proċess tal-integrazzjoni kontinwa li fih huma impenjati l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Għandu jsir kull sforz għall-ħarsien tal-koeżjoni u effettività tal-Unjoni. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2006, li enfasizzaw l-importanza li l-UE tkun tista' żżomm u tapprofondixxi l-iżvilupp proprju tagħha, il-pass tat-tkabbir għandu jqis il-kapaċità tal-Unjoni li tassorbi membri ġodda, li hija konsiderazzjoni importanti fl-interess ġenerali kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Montenegro.

29. B'mod parallel għan-negozjati dwar l-adeżjoni, l-Unjoni ser tkompli d-djalogu tagħha tas-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni kulturali mal-Montenegro, bl-għan li tressaq lin-nies flimkien u li tiżgura l-appoġġ taċ-ċittadini għall-proċess tal-adeżjoni.
30. Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika fil-proċess ta' tkabbir, id-deċiżjonijiet ser jittieħdu b'mod miftuħ kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata trasparenza akbar. Konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet interni ser jiġu protetti sal-punt meħtieġ sabiex jiġi ssalvagwardjat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti fl-oqsma kollha tal-attivitajiet tal-Unjoni.

Sustanza tan-negozjati

31. L-adeżjoni timplika l-aċċettazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi meħmuża mal-Unjoni u l-qafas istituzzjonali tagħha, magħruf bħala l-"*acquis*" tal-Unjoni. Il-Montenegro ser ikollu japplika dan kif ikun fiż-żmien tal-adeżjoni. Barra minn hekk, minbarra l-allinjament leġislattiv, l-adeżjoni timplika l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-*acquis*. L-*acquis* huwa fi stat ta' evoluzzjoni kontinwa u jinkludi b'mod partikolari:

- il-kontenut, il-prinċipji, il-valuri u l-oġettivi politiċi tat-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni;
- l-atti adottati mill-istituzzjonijiet skont it-Trattati, kif ukoll il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

kull att ieħor, legalment vinkolanti jew le, adottat fil-qafas tal-Unjoni, bħal ftehimiet interistituzzjonali, riżoluzzjonijiet, dikjarazzjonijiet, rakkomandazzjonijiet, linji gwida;

- ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, mill-Unjoni flimkien mal-Istati Membri tagħha, u daww konklużi mill-Istati Membri bejniethom fir-rigward ta' attivitajiet tal-Unjoni.

Dan japplika mutatis mutandis għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) u kull att adottat u ftehimiet konklużi skont dak it-Trattat jew fil-qafas tiegħu, li għalih il-Montenegro għandu jaderixxi wkoll.

Il-Montenegro ser jeħtieġlu jipproduċi traduzzjonijiet tal-*acquis* bil-lingwa uffiċjali tiegħu fi żmien biżżejjed qabel l-adeżjoni, u ser jeħtieġlu jħarreġ numru suffiċjenti ta' tradutturi u interpreti meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-ħin tal-adeżjoni tiegħu.

32. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw, li kollha jridu jiġu onorati mill-Montenegro bħala Stat Membru, jimplikaw it-tmim tal-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha bejn il-Montenegro u l-Unjoni, u tal-ftehimiet internazzjonali l-oħra kollha konklużi mill-Montenegro li huma inkompatibbli mal-obbligi tas-sħubija.
33. L-aċċettazzjoni mill-Montenegro tad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-*acquis* jistgħu joħolqu ħtieġa ta' adattamenti speċifiċi lill-*acquis* u jistgħu, eċċezzjonalment, joħolqu miżuri transitorji li jridu jiġu definiti matul in-negozjati dwar l-adeżjoni. Kwalunkwe dispożizzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni li ssegwi mill-*acquis* ma' tistax tkun ikkunsidrata bħala preċedent fin-negozjati ta' adeżjoni.

Fejn meħtieġ, adattamenti speċifiċi għall-*acquis* jiġu maqbula abbażi tal-prinċipji, il-kriterji u l-parametri inerenti f'dak l-*acquis* kif applikat mill-Istati Membri meta jaddottaw dak l-*acquis*, u b'konsiderazzjoni tal-ispeċifiċitajiet tal-Montenegro.

L-Unjoni tista' taqbel ma' talbiet mill-Montenegro għal miżuri transitorji dment li dawn ikollhom limitu ta' żmien u kamp ta' applikazzjoni, u jkunu akkumpanjati minn pjan bi stadji definiti b'mod ċar għall-applikazzjoni tal-*acquis*. Għall-oqsma konnessi ma' l-estensjoni tas-suq intern, miżuri regolatorji għandhom jiġu implimentati bla dewmien u l-perijodi transitorji għandhom ikunu f'tit u qosra; fejn hemm hteġa ta' adattamenti konsiderevoli li jeħtieġu sforz sostanzjali inklużi obbligi finanzjarji kbar, arranġamenti transitorji xierqa jistgħu jkunu maħsuba bħala parti minn pjan ta' allinjament kontinwu, dettaljat u mhux għoli. Fi kwalunkwe każ, l-arranġamenti transitorji m'għandhomx jinvolvu emendi għar-regoli jew il-politika tal-Unjoni, ifixklu l-funzjonament tajjeb tagħhom, jew iwasslu għal distorsjonijiet sinifikanti ta' kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jittieħed kont tal-interessi tal-Unjoni u tal-Montenegro. Miżuri transitorji u arranġamenti speċifiċi, b'mod partikolari klawnsoli ta' salvagwardja, jistgħu jiġu maqbula wkoll fl-interess tal-Unjoni, f'konformità mat-tieni punt tal-paragrafu 23 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16/17 ta' Diċembru 2004.

34. Ma jkunx jinħtieġ li l-adattamenti tekniċi dettaljati għall-*acquis* jiġu stabbiliti matul in-negozjati dwar l-adeżjoni. Huma ser jiġu mħejjija b'kooperazzjoni mal-Montenegro u adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fi żmien biżżejjed biex dawn jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adeżjoni.
35. L-Islanda ser tipparteċipa fl-unjoni ekonomika u monetarja mill-adeżjoni bħala Stat Membru b'deroga u għandha tadotta l-euro bħala l-munita nazzjonali tagħha wara deċiżjoni tal-Kunsill għal dan l-għan abbażi ta' evalwazzjoni biex jiġi stabbilit li hija tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa. Il-kumplement tal-*acquis* f'dan il-qasam japplika b'mod sħiħ mill-adeżjoni.
36. Fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, is-sħubija tal-Unjoni Ewropea timplika li l-Montenegro jaċċetta bis-sħiħ mal-adeżjoni l-*acquis* kollu kemm hu f'dan il-qasam, inklużi l-*acquis* ta' Schengen. Madankollu, parti minn dan l-*acquis* ser japplika biss fil-Montenegro wara deċiżjoni tal-Kunsill li jneħħi l-kontrolli minn fuq persuni fil-fruntieri interni meħuda abbażi tal-"valutazzjoni ta' Schengen" applikabbli ta' kemm ikun lest il-Montenegro, b'kont meħud ta' rapport tal-Kummissjoni li jikkonferma li l-Montenegro jkompli jissodisfa l-impenji mittieħda fin-negozjati ta' adeżjoni li huma rilevanti għall-*acquis* ta' Schengen.

37. Fl-oqsma kollha tal-*acquis*, il-Montenegro għandu jiżgura li l-istituzzjonijiet, il-kapaċità ta' tmexxija u s-sistemi amministrattivi u ġudizzjarji jissaħħu biżżejjed bil-ħsieb li jimplimenta l-*acquis* b'mod effettiv jew, skont il-każ, ikun kapaċi jimplimentah b'mod effettiv fi żmien biżżejjed qabel l-ađeżjoni. Fil-livell ġenerali, dan jeħtieġ amministrazzjoni pubblika stabbli u li tiffunzjona tajjeb mibnija fuq servizz ċivili effiċjenti u imparzjali, u sistema ġudizzjarja effiċjenti u indipendenti. B'mod aktar speċifiku, dan ikun jeħtieġ il-kapaċità u l-istrutturi neċessarji għal tmexxija soda u kontroll effiċjenti tal-fondi tal-UE, f'konformità mal-*acquis*. Sabiex tassisti lill-Montenegro jtejjeb l-istituzzjonijiet, il-kapaċità ta' ġestjoni u ta' infurzar, u s-sistemi amministrattivi u ġudizzjarji tiegħu, inkluż għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, u biex jikkonforma mal-*acquis* tal-UE f'dan ir-rigward, l-UE ser tipprovdi lill-pajjiż b'assistenza teknika, b'użu sħiħ tal-fondi ta' qabel l-ađeżjoni disponibbli.
38. Fl-oqsma kollha tal-*acquis*, is-Serbja għandha tiżgura li l-pożizzjoni tagħha dwar l-istatus tal-Kosovo la toħloq xi ostaklu u lanqas tinterferixxi mal-implimentazzjoni tal-*acquis*. Kwalunkwe ostaklu bħal dan ser jiġi indirizzat matul in-negożjati fil-kuntest tal-kapitolu tal-*acquis* ikkonċernat. Bħala parti mill-isforzi tagħha sabiex tallinja mal-*acquis* tal-UE, is-Serbja, b'mod partikolari, għandha tiżgura li l-leġislazzjoni adottata, inkluż l-ambitu ġeografiku tagħha ma jmurx kontra n-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet mal-Kosovo.

Proċeduri ta' negozjar

39. Is-sustanza tan-negożjati ser titmexxa f'Konferenza Intergovernattiva bil-parteciġazzjoni tal-Istati Membri kollha minn naħa waħda u l-Montenegro min-naħa l-oħra.
40. Il-Kummissjoni ser twettaq proċess formali ta' screening tal-*acquis*, sabiex tispjegah lill-awtoritajiet tal-Montenegro, biex tevalwa l-istat ta' tħejjija tal-Montenegro għal ftuħ tan-negożjati f'oqsma speċifiċi u biex tikseb indikazzjonijiet preliminari tal-kwistjonijiet li x'aktarx ser jitqajmu waqt in-negożjati.

41. Għall-finijiet tal-eżami analitiku u n-negozjati sussegwenti, l-*acquis* ser jinqasam f'numru ta' kapitoli, b'kull wieħed ikopri qasam ta' politika speċifika. Lista ta' dawn il-kapitoli tinsab fl-Anness. Kwalunkwe fehma li l-Montenegro jew l-UE esprimew dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati ma għandha bl-ebda mod tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitoli oħrajn. Oqsma ta' politika fejn huma meħtieġa sforzi partikolarment serji mill-Montenegro biex jallinja l-leġislazzjoni mal-*acquis* u biex jiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu ser jiġu indirizzati fi stadju bikri fin-negozjati dwar l-adeżjoni. Minbarra dan, ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitoli speċifiċi, ukoll daww parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali sakemm ikun intlaħaq ftehim globali għall-kapitoli kollha.
42. Filwaqt li jibni fuq l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Montenegro għas-sħubija, fuq Rapporti ta' Progress sussegwenti u b'mod partikolari fuq informazzjoni miksuba mill-Kummissjoni matul l-eżami analitiku, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'unanimità fuq proposta mill-Kummissjoni, ser jistabbilixxi punti ta' riferiment għall-għeluq proviżorju u, fejn adatt, għall-ftuħ ta' kull kapitolu. Għall-kapitoli "Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali" u "Ġustizzja, libertà u sigurtà", ser jiġu stabbiliti wkoll punti ta' riferiment interim skont l-istess proċedura. L-Unjoni ser tikkomunika tali punti ta' riferiment lill-Montenegro. Skont il-kapitolu, punti ta' riferiment preċiżi ser jirreferu b'mod partikolari għall-allinjament leġislattiv mal-*acquis* u għal rekord sodisfaċenti ta' prestazzjoni fl-implimentazzjoni ta' elementi ċentrali tal-*acquis* li juru l-eżistenza ta' kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja adegwata. Fejn rilevanti, il-punti ta' riferiment ser jinkludu wkoll it-tweġġ tal-impenji skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, b'mod partikolari daww li jirriflettu r-rekwiżiti skont l-*acquis*.

43. Minħabba l-isfidi ffaċċjati u n-natura aktar fit-tul tar-riformi, il-kapitoli "Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali" u "Ġustizzja, libertà u sigurtà" għandhom jiġu trattati kmieni fin-negozjati sabiex jitħalla l-akbar ammont ta' żmien għall-istabbiliment tal-leġislazzjoni neċessarja, l-istituzzjonijiet u r-rekords tajbin ta' implimentazzjoni qabel ma jingħalqu n-negozjati. Huma ser jinfetħu abbażi ta' pjanijiet ta' azzjoni li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet tal-Montenegro. Ir-rapporti ta' screening li għandhom jitħejjew mill-Kummissjoni għal dawn il-kapitoli ser jipprovdu gwida sostanzjali, inkluż dwar il-kompiti li għandhom jiġu trattati fil-pjanijiet ta' azzjoni, li ser jikkostitwixxu l-punti ta' riferiment tal-ftuħ. Fejn ġustifikat b'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqumu matul il-proċess ta' analiżi, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, it-tnejn f'konformità mar-rwoli rispettivi tagħhom, jistgħu jiddeterminaw li l-pjanijiet ta' azzjoni għandhom jinkludu miżuri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati f'perijodu ta' żmien speċifiku, inkluż fejn meħtieġ bħala kwistjoni ta' urġenza. Ladarba l-Kunsill ikun sodisfatt, abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni, li punti ta' riferiment tal-ftuħ ikunu ntlaħqu, il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar il-ftuħ ta' dawn il-kapitoli u jistabbilixxi punti ta' riferiment interim fil-pożizzjonijiet tal-ftuħ tal-UE. Dawn il-punti ta' riferiment interim ser jimmiraw speċifikament, kif xieraq, l-adozzjoni tal-leġislazzjoni u l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' strutturi amministrattivi u ta' rekord intermedju u ser ikunu marbutin mill-qrib mal-azzjonijiet u l-oġettivi fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Sussegwentement, il-Kunsill ser jistabbilixxi pożizzjoni interim li tagħlaq punti ta' riferiment li jeħtieġu rekords solidi ta' implimentazzjoni tar-riforma.
44. Il-Kummissjoni ser iżżomm lill-Kunsill debitament infurmat u ser tirrapporta lill-Kunsill darbtejn fis-sena dwar l-istat ta' avvanz tan-negozjati skont il-kapitoli "Drittijiet ġudizzjarji u fundamentali" u "Ġustizzja, libertà u sigurtà". Meta jqumu problemi matul in-negozjati skont dawn il-kapitoli, il-Kummissjoni tista' tipproponi punti ta' riferiment aġġornati matul il-proċess kollu, inklużi pjanijiet ta' azzjoni ġodda u emendati, jew miżuri korrettivi oħrajn, kif adatt. F'dan ir-rigward, kwalunkwe miżura għall-aġġustament tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tista' tittieħed biss f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli.

45. Fir-rigward tal-kwistjoni tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn is-Serbja u l-Kosovo, li ser tiġi trattata bħala punt speċifiku taħt il-Kapitolu 35, "Kwistjonijiet oħra", ser japplikaw *mutatis mutandis* proċeduri simili għal dawk stabbiliti fil-paragrafi 42, 43 u 44, b'konċentrazzjoni partikolari fuq l-istabbiliment u l-aġġornament tal-punti ta' riferiment interim, inkluż sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fin-normalizzazzjoni ta' dawn ir-relazzjonijiet.
46. Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ser jissorveljaw mill-qrib u b'mod kontinwu l-isforzi tas-Serbja għan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tagħha mal-Kosovo u jirrapportaw kif adatt, tal-anqas darbtejn fis-sena, dwar din il-kwistjoni trattata fil-Kapitolu 35, lill-Kunsill.
47. Fejn in-negozjati jkopru perijodu ta' żmien konsiderevoli, jew fejn kapitolu jerġa' jiġi kkunsidrat aktar tard biex jinkorpora elementi ġodda bħal *acquis* ġdid, il-punti ta' riferiment eżistenti jistgħu wkoll jiġu aġġornati.
48. Il-Montenegro ser jintalab jindika l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-*acquis* u jirrapporta dwar il-progress tiegħu fl-ilħuq tal-punti ta' riferiment, inkluż billi jipprovdi data statistika affidabbli u komparabbli dwar l-implimentazzjoni tar-riforma kif meħtieġ. It-traspożizzjoni u, fejn adatt, l-implimentazzjoni korretti tal-*acquis* mill-Montenegro, inkluża l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti permezz ta' strutturi ġudizzjarji u amministrattivi adatti, ser jiddeterminaw ir-rata ta' progress tan-negozjati.

49. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ser tissorvelja mill-qrib il-progress tal-Montenegro fl-oqsma kollha, billi tagħmel użu mill-istrumenti disponibbli kollha, inklużi reviżjonijiet esperti fuq il-post mill-Kummissjoni jew f'isimha, u d-djalogu taħt il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kummissjoni ser tinforma regolarment lill-Kunsill bil-progress tal-Montenegro fi kwalunkwe qasam matul in-negozjati, u b'mod partikolari meta tippreżenta abbozz ta' pożizzjonijiet komuni tal-UE. Il-Kunsill ser jieħu kont ta' din l-evalwazzjoni meta jkun qed jiddeċiedi dwar passi ulterjuri relatati man-negozjati dwar dak il-kapitolu. Minbarra l-informazzjoni li l-UE tista' tkun teħtiegħ għan-negozjati dwar kull kapitolu u li għandha tiġi pprovduta mill-Montenegro lill-Konferenza, il-Montenegro ser ikun meħtiegħ ikompli jipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-allinjament ma' u l-implimentazzjoni tal-*acquis*, ukoll wara l-għeluq proviżorju ta' kapitolu. Fil-każ ta' kapitolu magħluqa proviżorjament, il-Kummissjoni tista' tirrakkomanda l-ftuħ mill-ġdid tan-negozjati, b'mod partikolari fejn il-Montenegro jkun naqas milli jilħaq punti ta' riferiment importanti jew li jimplimenta l-impenji tiegħu.

PROĊEDURA GĦAL U ORGANIZZAZZJONI TAN-NEGOZJATI

1. Presidenza

Konformement mal-prattika f'negozjati bilaterali bejn żewġ delegazzjonijiet, kull waħda mmexxija minn kap, il-kwistjoni tal-elezzjoni ta' President tal-Konferenza ma titqajjimx.

Il-ħidma Prattika involuta fil-funzjoni tal-president tal-laqgħat ser titwettaq mill-kap tad-delegazzjoni tal-Unjoni fil-kapaċità tiegħu ta' kap tad-delegazzjoni ospitanti.

2. Frekwenza tal-laqgħat fil-livell ministerjali u l-livell tad-deputati - l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma

Huwa ppjanat li għandu jkun hemm tal-inqas laqgħa waħda f'kull perijodu ta' sitt xhur fil-livell ministerjali u l-livell tad-deputati, bl-intendiment li l-frekwenza tista' tiġi aġġustata jekk meħtieġ.

In-negozjati ser jibqgħu ċentralizzati fil-livell ministerjali u l-livell tad-deputati. L-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma m'għandux ikun previst ħlief biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti oġġettivi tan-negozjati. Kwalunkwe grupp ta' ħidma bħal dan ser jopera taħt l-awtorità tad-deputati, abbażi ta' termini ta' referenza espliċiti u skont skeda ta' żmien speċifika.

3. Post tal-laqgħat

Il-laqgħat ser isiru fi Brussell, iżda matul April, Ġunju u Ottubru kwalunkwe laqgħa ministerjali ser issir fil-Lussemburgu.

4. Organizzazzjoni

(a) Segretarjat

Is-servizzi tas-segretarjat tal-konferenzi ser ikunu pprovduti, taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew ir-rappreżentant tiegħu, minn grupp li jkun jikkonsisti minn uffiċjali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u uffiċjali maħtura mid-delegazzjoni tal-Montenegro.

(b) Spejjeż operattivi tal-Konferenza

Kull parti ser tħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u ta' sussistenza proprji tagħha kif ukoll is-salarji tal-persunal li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tas-Segretarjat.

L-ispejjeż operattivi tal-Konferenza (kiri, għamara u provvisti għall-uffiċċji, telekomunikazzjoni, interpretazzjoni, traduzzjoni, persunal awżiljarju rreklutat għall-Konferenza, eċċ.) ser jitħallsu minn pagamenti minn quddiem li jsiru mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dawn l-ispejjeż ser jiddaħħlu fil-baġit tal-Kunsill taħt intestatura speċjali tal-baġit.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jippreżenta, kif adatt, rapport annwali ta' ġestjoni finanzjarja lill-Konferenza dwar l-ispejjeż operattivi. Dawn l-ispejjeż ser jinqasmu bejn il-parteciċpanti f'konformità mal-proċeduri li għandhom jinqablu reċiprokament.

(c) Thejjiġa tad-dokumenti tal-laqgħa

Mingħajr preġudizzju għal dokumenti speċjali oħra li s-Segretarjat jista' jintalab ifassal, l-arranġamenti li ġejjin ġew adottati bl-intendiment li, jekk ikun meħtieġ, huma jistgħu jiġu modifikati fid-dawl tal-esperjenza.

(d) Laqgħat ministerjali

Tħejjija, wara kull laqgħa, ta' sommarju tal-konklużjonijiet, li għandu jiġi ffinalizzat mid-deputati abbażi ta' abbozz imħejji mis-Segretarjat u ppreżentat lil-laqgħa ministerjali li jkun imiss għall-approvazzjoni formali.

(e) Laqgħat fil-livell tad-deputati

- Tħejjija ta' sommarju ta' konklużjonijiet wara kull laqgħa.
- Tħejjija tar-rapporti għall-preżentazzjoni lil-laqgħat ministerjali, jekk meħtieġ, abbażi ta' abbozzi mħejjija mis-Segretarjat tal-Konferenza.

(f) Gruppi ta' ħidma

- Tħejjija ta' rapporti għad-deputati abbażi ta' abbozzi mħejjija mis-Segretarjat tal-Konferenza.

LISTA INDIKATTIVA PRELIMINARI TAL-INTESTATURI TAL-KAPITOLI

(Nota: Din il-lista ma tippreġudika bl-ebda mod id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu fi stadju adatt fin-negozjati dwar l-ordni li fih ser jiġu ttrattati s-suġġetti.)

1. Moviment ħieles ta' merkanzija
2. Libertà tal-moviment għal ħaddiema
3. Id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà tal-forniment ta' servizzi
4. Moviment ħieles tal-kapital
5. Akkwist pubbliku
6. Liġi tal-kumpanniji
7. Liġi dwar il-proprietà intellettwali
8. Politika tal-kompetizzjoni
9. Servizzi finanzjarji
10. Soċjetà tal-informazzjoni u l-midja
11. Agrikoltura u żvilupp rurali
12. Sikurezza tal-ikel, politika veterinarja u fitosanitarja
13. Sajd
14. Politika tat-trasport
15. Enerġija
16. Tassazzjoni
17. Politika ekonomika u monetarja
18. Statistika
19. Politika soċjali u tal-impjiegi
20. Politika dwar l-impreżi u l-industrija
21. Netwerks trans-Ewropej
22. Politika reġjonali u koordinazzjoni tal-istrumenti strutturali

23. Ġudikatura u drittijiet fundamentali
 24. Ġustizzja, libertà u sigurtà
 25. Xjenza u riċerka
 26. Edukazzjoni u kultura
 27. L-ambjent u t-tibdil fil-klima
 28. Ħarsien tal-konsumatur u tas-saħħa
 29. Unjoni doganali
 30. Relazzjonijiet esterni
 31. Politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża
 32. Kontroll finanzjarju
 33. Dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji
 34. Istituzzjonijiet
 35. Kwistjonijiet oħra
-